MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 875/2000/1

**Avviz numru 875/2000DM**

**Carmelo Buttigieg u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2002 stante il-mewt tal-imsemmi Carmelo Buttigieg il-gudizzju gie trsfuz fil-persuna ta' Spiridione u Antonia konjugi Buttigieg**

**Vs**

**Josette Buttigieg Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma minnha dovuta ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm827.63c) rapprezentanti sehemha mill-imghaxijiet li l-attur kien hallas lill-Bank wara li sseparaw 'de facto' f'Mejju 1998 skond ittra ta' l-1 ta' April 1999,

kopja ta’ liema tinsab unita mal-avviz bhala Dok ‘A’, debitament accettata minnha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-12 t’Ottubru 1999 u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta’ Ottubru 1999 id-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tad-dar konjugali taghhom, kontra, l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josette Camilleri fejn eccepiet illi:

1 Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante li l-mertu jikkonsisti f’likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kien jezisti bejn il-partijiet li allura huwa ta’ kompetenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili;
2 Bla pregudizzju, l-ittra tal-1 ta’ April 1999 li ghaliha qed isir referenza fl-avviz mill-attur saret meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u konsegwentement f’dak l-istadju kwalunkwe ftehim ta’ xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kien jehtieg l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti;
3 Bla pregudizzju u fil-mertu meta l-partijiet izzewgu u gew biex jixtru dar f’ishma indaqs, huma ftehmu li l-konvenuta tohrog nofs il-valur tal-fond billi tizbanka flus li kellha imgemma f’kont bankarju, filwaqt li l-attur kellu johrog sehemu billi jissellef flus mill-bank. Ghalhekk filwaqt li l-konvenuta tilfet l-imghaxijiet li l-kont bankarju taghha kien jirrendilha, l-attur qed jippretendi li l-konvenuta taghmel tajjeb ukoll ghall-imghaxijiet dovuti minhabba l-flus li gew mislufa biex l-attur hareg sehemu ghall-akkwist tal-fond;
4 Iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku u kkonfermat b’digriet tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta’ Ottubru 1999;
5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju 2001 fejn il-konvenuta kienet iddikjarat illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet minnha sollevati jridu jiftehmu fis-sens illi l-ittra esibita bhala dok A ma tikkostitwix ftehim definittiv dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Billi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatti u cirkostanzi rilevanti ghal din il-kwistjoni u li kienu esistenti fiz-zmien tal-prezentata tal-avviz jirrizulta illi:

Il-kontendenti kienu ghadhom mizzewgin u kienet topera bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti ikkontemplata mill-Ligi; u
Illi meta il-konjugi kontendenti kienu separati *de facto*, kienu waslu ghall-ftehim tal-1 t'April 1999 esibit bhala dokument A ( a fol 2 tal-process); u
Illi l-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejnithom qatt ma giet itterminata u inqas u inqas ma giet illikwidata, u illi l-attur minghajr pregudizzju ghar-rimanenti assi u debiti tal-komunjoni b'din ic-citazzjoni qieghed jippretendi illi l-konvenuta marthu tigi kkundannata thallsu somma ta' Lm827.63 (tmien mija u seba u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti sehma minn xi somma flus li kien hallas lill-bank bhala imghax.

Il-partijiet jaqblu wkoll illi d-dar konjugali, li ghaliha saret riferenza fil-ftehim tal-1 t'April 1999, kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti, u dak il-ftehim kien jirrigwarda l-modalita' u kundizzjonijiet dwar kif kellu jinqasam bejn il-kontendenti mizzewgin ir-rikavat mill-bejgh tad-dar konjugali.

Evidentement dan ir-rikavat kien parti mill-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti, u l-ftehim, li ma jeskludix xi assi ohra li setghu jifformaw parti mill-istess komunjoni, jimplika

divizjoni bejn il-kontendenti ta parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk, apparti illi likwidazzjoni u divizjoni in parti tal-kommunjoni tal-akkwisti mhiex prevista mill-Kodici Civili, fejn fl-Artikolu 1333 ir-riferenza hija ghal divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fl-intier taghha, kull talba kif proposta mill-attur hija improponibbli billi bilfors timplika l-precedenti terminazzjoni, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Inoltre kwalunkwe ftehim li jista’ jsir bejn il-mizzewgin matul iz-zwieg u li bih jistghu jibdlu r-relazzjonijiet legali ta’ bejnithom, ghal validita’ tieghu kien jirrikjedi s-setgha w l-awtorizzajoni tal-Qorti kompetenti u mill-atti tal-process ma jirrizultax illi l-ftehim tal-1 t’April 1999 kien munit b’tali awtorizzazzjoni.

Ghaldaqstant tistabbilixxi u tiddecidi illi t-talbiet attrici kif diretti fil-konfront ta’ marthu waqt illi kienet ghada operanti bejnithom il-komunjoni tal-akkwisti, hija improponibbli u ghalhekk tichad l-istess talba;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------